NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

**ĠUNJU -2008** **Numru 378**

# L-EWWEL ANNIVERSARJU MILL- KANONIZZAZJONI TA' SAN ĠORĠ PRECA

*INFAKKRU L-EWWEL ANNIVERSARJU MILL- KANONIZZAZJONI TA' SAN ĠORĠ PRECA*
LI SARET MILL-PAPA BENEDITTU XVI
*IL-ĦADD, 3 TA' ĠUNJU 2007*
*FI PJAZZA SAN PIETRU F'RUMA*
Nitolbu ħafna lil San Ġorġ Preca għall-pajjiżna u għall-familji kollha tagħna

# IS-SEJĦA TAL-MADONNA TA' PINU LIL Karmni Grima
**IL-Ħadd, 22 TA' ĠUNJU 2008**

Nhar Il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 2008 jaħbat il-125 Anniversarju ta' meta f' TA' PINU nstema l-Leħen ta' Marija, Omm Ġesù u Ommna jsejħilna « Ejja, Ejja » permezz ta' Karmni Grima biex nagħtu lilna nfusna u nersqu lejn dan il-Maqdes Qaddis biex nitolbu. Żgur li l-Għawdxin flimkien ma' ħafna minn ħutna Maltin jersqu f'dan il-Jum jitolbu f'dan is-Santwarju għażiż.

Fost il-funzjonijiet li jsiru f'Ta' Pinu f'dan il-jum fil-10.10a.m. tingħad is-Supplika tal-Madonna mill-istess Santwarju, mxandra mill-R.T.K. u minn Radju Marija u wara fl-10.30a.m.ikun hemm Pontifikal Soenni mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex imxandra ukoll minn Radju Marija.

Fil-għaxija mis-1.00-4.30p.m adorazzjoni fil-5.00p.m. qudiesa. Fis-7.00p.m. Pellegrinaġġ Nazzjonali mmexxi mill-E.T. Mons Pawlu Cremona O.P. Arċisqof ta' Malta u fis-7.30p.m. Pontifkal fuq iz-zuntier ta' quddiem is-Santwarju.

Araw programm ta' dan il-jum maħruġ apposta.

Inħeġġu lil kulħadd biex dan il-jum ngħożżuh u nqaddsuh

# IS-SENS NISRANI TAL-FESTI ORJENTAMENT KRISTOĊENTRIKU

Il-festi f'ġieh il-qaddisin huma parti jew aspett mill-qima li aħna obbligati nagħtuhom bħala ħbieb t'Alla u rifless tal-qdusija ta' Kristu. Għalhekk dawn il-festi għandu jkollhom orjentament Kristu-Ċentriku ; jiġifieri, għall-inqas indirettament għandhom ifakkruna fi Kristu li minn għandu l-qaddisin kisbu qdusithom u l-kobor tagħhom ; għandhom iressquna wkoll Lejh, billi jħajruna nixbhuh fil-perfezzjonijiet tiegħu. Il-festi huma okkażjoni tajba sabiex l-insara mimlijin b'ferħ spiritwali, jiżżuħajr lil Alla u bl-interċessjoni tal-qaddis jew qaddisa, jitolbuh il-grazzji li jkunu jeħtieġu.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa hija għamla ta' talb, li fiha l-bniedem, bi spirtu komunitarju ma' sħabu l-oħra ta' l-istess belt jew raħal, jiftakar f'Alla u fil-qaddisin tiegħu u jroddilhom qima.  Forsi fost l-għamliet kollha ta' talb, din hija l-aktar waħda elementari u primittiva, iżda huwa ċert li f'kull festa reliġjuża ftit jew wisq ikun hemm din l-esperjenza ta' laqgħa ma' Alla.

Tajjeb għalhekk li kulħadd jagħti l-koperazzjoni tiegħu sabiex il-festi reliġjużi jibqgħu festi awtentikament insara u jilħqu l-iskop ewlieni tagħhom li jqanqlu qawmien spiritwali fil-poplu t'Alla.

« Il-Kelma tar-Ragħaj »
Vol. V. paġina 38.

| | |
|---|---|
| 1. Ħadd | Id-disa' Ħadd ta' matul is-sena. Messalin sena A paġina 295.<br>Festa ta' Sant'Antnin – Mġarr, Għajnsielem. |
| 3. Tlieta | San Karlu Lwanga u sħabu martri Tifkira (0)'<br>L-ewwel Anniversarju mill-Kanonizzazjoni ta' San Ġorġ Preca – nqimuh u Nitolbuh |
| 4. Erbgħa | Il-5 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 4-8 | Simposju Marjan fl-okkażjoni tal-125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu – Santwarju Madonna ta' Pinu Għawdex 4-8 ta' Ġunju 2008. Akwista progragmm maħruġ apposta u hu sehem fih. |
| 5. Ħamis | Jum Dinji ta' l-Ambjent (NU). |
| 6.Ġimgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb Victoria, fit-8.30a.m.<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 7.Sibt. | Kunsill Presbiterali (Centru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30a.m.<br>Is-Sette Giugno – Festa Nazzjonali<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Savina, Victoria, li jibda fit-8.30 p.m. |
| 8.Ħadd. | L-għaxar Ħadd ta' matul is-sena. Messalin sena A. Paġna 300.<br>Festa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur - Parroċċa Għasri. |
| 11.Erbgħa | San Barnaba Appostlu – Tifkira (0)<br>Is-6 Erbgħa ta' Santa Marija |
| 13. Ġimgħa. | Sant'Antnin ta' Padova – Tifkira (O).<br>It-2 Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima. Fil-Knisja ta' Ħamet Ador. 5.30p.m. fis-7.30p.m. Quddiesa u Pelligrinaġġ ta' Talb. |
| 14. Sibt. | Jum id-donaturi tad-Demm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| 15. Ħadd. | Il-Ħdax-Il Ħadd tas-Sena. Messalin sena A.paġina 305.<br>Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesú – Parroċċa Fontana.<br>Jum il-Missier- Nitolbu għall-missirijiet kollha, ħajjin u mejtin. |
| 18. Erbgħa. | Is-7 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 20 Ġimgħa. | Jum Dinji tar-Refuġjati (NU). |
| 21.Sibt. | S.Alwigi Gonzaga, Rel.- Tif.(0)<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria li tibda fis- 7.00 p.m. sad-9.00p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Kappella ta' l-Oratorju Don Bosco, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| 22.Ħadd. | It-Tnax -il Ħadd tas-sena. Messalin sena A. pagina 310.<br>Tifkira solenni tas-sejħa tal-Madonna TA' PINU lil Karmni Grima tingħad is-Supplika tal-Madonna fis-Santwarju ta' Pinu fl-10.10a.m.u wara Konċelebrazzjoni Pontifikali preseduta mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex.<br>Fil-għaxija Pellegrinaġġ Nazzjonali li jibda fis-7'00p.m. minn ħdejn is-sigra aurekarja bejn id-daħla ta' l-Għarb u ta' Pinu u wara fis-7.30p.m. Pontifikal Solenni mill-Arċisqof Mons Pawlu Cremona O.P. Is-Saċerdoti kollha huma mistiedna jikkonċelebraw.<br>Dejjem araw il-Poster maħruġ apposta għax jista' jkun hemm xi tibdil.<br>Festa ta' San Ġwann Battista – Parroċċa Xewkija. |
| 23.Tnejn. | Vġili ta' San Ġwann Battista. Messalin sena A. paġina 451. |
| 24. Tlieta. | Solennità tat-twelid ta' San Ġwann Battista. Messalin sena A paġina 454. |
| 25.Erbgħa. | It-8 erbgħa Santa Marija. |
| 26.Ħamis. | Jum Internazzjonali kontra d-Droga (NU). |
| 27.Ġimgħa. | San Ċirillu ta' Lixandra Isqof u Duttur tal-Knisja. –Tifkira. |
| 28.Sibt. | S.Irinew Isqof u Martri - Tifkira.<br>Vġili ta' San Pietru u San Pawl Appostli. Messalin Sena B. Paġna 540.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Santu Wistin Victoria, li jibda fit-8.30p.m. |
| 29.Ħadd. | Solennità ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl. Messalin Sena B. Paġna 540.<br>Festa ta' San Pietru u San Pawl – Parroċċa Nadur. |
| 30. Sibt. | L-Ewwel Martri ta' Ruma – Tifkira. |